MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru 1225/2011

Il-Pulizija

Spettur Gabriel Micallef

vs

Richard Muscat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 7391M akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer u cioe f'San Pawl il-Bahar fil-05 ta' Marzu 2009, f'xi hin bejn it-tmienja ta' filghaxija u l-hdax ta' filghaxija ikkomettejt serq ta' mobile phone liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin ghad-dannu ta' Nicholas Anthony Attard (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikoli 261, 270);

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in- nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiddikjarah u ssibu hati. Rat l-Artikolu 261(b), 270, 281(a) tal-Kap 9. Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal xahar mill-lum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------